KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 84

L-erbgħa u tmenin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 24 ta' Mejju 2018 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kristian Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.14 b'din l-Agenda:*

*84.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*84.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*84.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*84.5 Rapporti;*
*84.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*84.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*84.8 Mozzjonijiet ;*
*84.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 84.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

84.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera N. Castaldi Paris biex tiġi skuzata minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li din il-Kunsilliera tiġi reġistrata bħala Assenti b'Apologija. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsilliera N. Castaldi Paris falliet numru ta' laqgħat f'dawn l-aħħar xhur. Minkejja li r-raġuni hija valida u kif dejjem l-apoloġija ġiet approvata mill-Kunsilliera stess, il-Kunsill irid izomm mal-proċedura u titressaq fuq Agenda li jmiss biex jinforma l-Ministru dwar dan in-nuqqas ta' attendenza.

## 84.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

84.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 82 tas-seduta tal-25 ta' April 2018 kif ukoll il-minuti 83 tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

84.2.2 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 82. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 83. Il-Kunsilliera M. Aquilina issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv.

*Approvazzjoni tal-minuti 82_25/04/2018 u 83_16/05/2018*

## 84.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

84.3.1 Is-Sindku informa li l-laqgħat mal-kuntratturi ta' ELC u tal-latrini publiċi għadhom qegħdin jiġu koordinati. Il-Kunsilliera se jiġu

*Laqgħat mal-kuntratturi*

notifikati bid-dati u min jista jattendi.

84.3.2 Is-Sindku informa li l-*iskip* il-blu tal-ħwejjeġ se jitressaq minn hdejn il-pont izda jibqa fl-istess akkwata, go San Giljan. Il-linji ta' mal-art se jiġu irranġati u dwar d-dawl mal-pont il-Kunsill se jiltaqa' mar-*Restoration Directorate* biex dan jigi diskuss. Il-Viċi Sindku informa li mat-taraġ (int u niezel mil-lemin) hemm *ac unit* ta' resident li qed jghati dehra kerha. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lir-resident sabiex dan jitghatta. *Bridge – Manwel Dimech*

84.3.3 Is-Sindku informa li l-fondi li kienu approvati ghas-sena 2018 ma' ġewx approvati biex jintuzaw għas-snin 2019 u 2020. Sahansitra, dawn il-fondi issa ngħataw Kunsill ieħor fejn suppost il-fondi tqassmu b'sistema ta' punti. Il-Kunsiller P. Portelli propona li l-Kunsill jinforma lill-pubbliku li dan il-f*estival* mhux se jsir għal din is-sena. L-Kunsill qabel. *SAF*

84.3.4 Is-Sindku informa li x-xogħol fi Triq Guze Howard tlesta. Din it-triq saret bil-finanzjament tal-fond UDF tal-PA. Is-Sindku qal li għalkemm huwa konxju li kien hemm min ma qabilx maz-*zebra crossings* li saru, peress li tnaqqsu numru ta' parkeggi, id-dizinn tat-toroq irid isir skond l-istandards nazzjonali hekk kif approvat min Transport Malta, Planning Authority u CPRD, jew inkella ma jkunx jista jinghata finanzjament ghal xoghlijiet ta' toroq min da nil-fond. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet la darba jkun hemm regoli l-Kunsill irid jimxi magħhom. *Triq Guze Howard*

84.3.5 Is-Sindku informa li x-xogħol fi Triq San Trofimu għaddej b'rittmu tajjeb. Il-Kunsill ġie imfakkar li din se ssir mil-fondi tal-Kunsill. *Triq San Trofimu*

84.3.6 Is-Sindku informa li l-Kunsill pprezenta l-pjanti għax-xogħlijiet fi Triq il-Kbira izda din għada ma ġietx aċċetata. Is-Sindku fakkar li jekk se napplikaw għall-fondi, il-Kunsill irid izomm mal-*istandards* li jitolbu l-entitajiet konċernati, fosthom is-CRPD. Il-perit tal-Kunsill iltaqa mas-CRPD sabiex jiddiskutu l-pjanti. *Triq il-Kbira*

Fuq naħa oħra, s-Sindku rrimarka illi ftihem ma' TM illi ser jgħaddulna l-pariri tagħhom dwar liema pjanti ta' rranġar ta' *junctions* huma fattibli, sabiex dawn imbgħad isiru mill-perit. Il-Kunsillier P Radmilli saqsa kemm il-darba se nagħmu rivezjoni tal-pjanti? Il-Kunsillier Radmilli issuġġerixxa li l-Kunsill japplika dirett mal-PA.

Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li fis-sajf ma jistax issir skavar, *trench works* bejn nofs Ġunju u Settembru. Il-Kunsill talab li Triq il-Kbira tiġi eskluza biex it-triq tkun tista titlesta mix-xoghlijiet ta' skavar qabel il-Milied. Il-Ministeru tat-Turizmu qed jevalwa din il-proposta, wara li l-*management* tal-lukandi The Palace u Victoria li qegħdin fi Triq il-Kbira ma sabux oggezzjoni li x-xoghol jibda f'Settembru.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill diġa ltaqa mal-lukandi konċernati u sar dan il-ftehim. La darba jkun hemm l-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tat-Turizmu, x-xogħol mistenni jibda fil-bidu ta' Settembru 2018. Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li se jkun hemm l-ispejjez tal-gwardjani lokali li l-Kunsill irid jinkludi, normalment dawn ma jiġux rifonduti mil-fond UDF. Madankollu, is-Segretarju Ezekuttiv se jipprova jitlobhom ukoll mal-applikazzjoni.

84.3.7 Il-Kunsill P. Radmilli talab li jiġu diskussi dawn l-*policies* ta' meta jingħataw il-fondi għax-xogħlijiet fit-toroq, għaliex fil-fehma tiegħu u anke għaliex sema diversi ilmenti mir-residenti stess, Triq Guze Howard ma kellhiex għalfejn ikollha tlett *zebra crossings*. Il-Kunsillier P Radmilli qal li ghalinqas l-Kunsill għandu jagħmel id-dover tieghu u jwassal l-ilment tar-residenti li kien hemm kritika qawwija dwar dawn iz-*zebra crossings*, minkejja li fl-aħħar minn l-aħħar id-deċizjoni tibqa f'idejhom. Kien hemm qbil dwar dan. *Triq Guze Howard*

84.3.8 Is-Sindku fakkar dwar l-istedina minn Bialystok għal tlett Kunsilliera bejn it-22 u l- 24 ta' Gunju 2018. Il-Viċi Sindku reġa fakkar li kien qal li l-Kunsill jistaqsi x'jista jiggwadanja r-resident minn dan il-gemelagg. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li se jkun hemm mument li l-Kunsill irid jirreċiproka l-istedina, b'hekk wieħed irid joqgħod attent minħabba il-*budget*, speċjalment jekk din id-darba imorru tlett Kunsilliera, il-Kunsill irid jara min fejn jista jalloka fondi addizzjonali ghall-dawn l-ispejjes relatati mal-gemellagg. *Stedina minn Bialystok*

Il-Kunsillier D. Muscat qal li filfatt jixtieq jistedinhom għal Tas-Sliema Wirt u Niesha f'Ottubru 2018. Kien hemm qbil dwar dan kif ukoll li f'Gunju 2018 imorru tlett Kunsilliera. Il-Kunsillier D. Muscat għandu jikteb dwar dan l-avveniment biex forsi jkun jista jiġi ppubblikat fis-Sliema Times.

84.3.9 Is-Sindku informa li x-xogħol li kellu jsir fil-monument tal-gwerra kwazi lest. *Monument tal-Gwerra*

84.3.10 Is-Sindku informa li kien ilu jipprova jagħmel kuntatt ma' Tas-Sliema Times, anke biex ikunu jistgħu jagħtu kontribut il-kittieba li kienu jagħtu s-sehem tagħhom fil-fuljett tal-Kunsill, izda Tas-Sliema Times baqgħu ma weġbux u jidher li qatgħu l-kuntatt. *Sliema Times*

*Daħal il-Kunsillier M. Briguglio fis-19.25*

84.3.11 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa x'kien ġara mill-fuljett tal-Kunsill? Kien hemm qbil li dan jerġa jsir min-naħa tal-Kunsill, din id-darba b'inqas paġni, għaliex waħda mill-problemi kienet li ftit kienu l-Kunsilliera li jiktbu artikolu. Kien hemm qbil ukoll li trid tinzamm *d-deadline* għall-artikoli biex jintbgħat għall-istampar fil-ħin. *Magazine tal-kunsill*

Il-Kunsilliera D. Muscat u P. Portelli se jkunu qegħdin jagħtu l-kontribut tagħhom għall-fuljett. Kien hemm qbil li l-pubblikazzjoni toħroġ fil-bidu ta' Settembru 2018 biex tiġi riklamata l-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha 2018. Kien hemm qbil ukoll li wara dan, tinħareġ edizzjoni specjali f'Marzu/April 2019 b'volum akbar biex jiġi ppubblikat il-ħidma ta' sitt snin kif ukoll isiru ringrazzjamenti ta' din il-leġislatura.

84.3.12 Dwar il-bust ta' Tony Nichol kien hemm qbil li s-Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina u V. Galea Pace jiltaqgħu mal-familjari. Fir-rigward għal-isem ta' Sqaq it-Torri, sabiex dan jinbidel ghal Sqaq Tony Nichol, is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-applikazzjoni lesta u qiegħed jistenna li l-Kunsilliera L. Cassar Shaw tagħtih aktar informazzjoni dwar il-biografija ta' Tony Nichol biex tintbgħat lis-*Street Naming Committee*. *Tony Nichol*

84.3.13 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva talba minn *Dixies Kiosk* u *Tanti Kiosk* biex ipoġġi *mobile toilets* fil-Gnien Indipendenza. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba għaliex jista jinħoloq preċedent u jkollna naċċettaw lil kull min jitlob li jpoġġi *mobile toilets* fuq art publika. *Applikazzjoni għal mobile toilet – mhux aċċettata*

84.3.14 Is-Sindku informa li l-applikazzjoni li ntbagħtet lil PA għal latrina publika fix-Xatt (in-naħa ta Triq Bisazza) għaddejja bil-proċess tagħha u x-xogħol mistenni jibda s-sena d-dieħla. *Latrina publika – Ix-Xatt*

84.3.15 Is-Sindku informa bl-email u ġiet prezentata pjanta mit-TM dwar il-*pedestrian area* fi Triq il-Kbira (quddiem Hole in the Wall) li għandha tkun magħluqa bil-*bollards*. Il-Kunsilliera V Galea Pace fakkret li *Triq il-Kbira (fejn Hole in The Wall)*

kellhom isiru *pots* u jitpoġġew in-*netting* madwar minħabba l-iskart lil jintefa fihom. Kien hemm qbil li din l-area tingħalaq bil-post kif ukoll bil-*bollards*.

84.3.16 Is-Sindku informa li irċieva talba minn Valle Del Grano - Gourmet Tour biex jagħmlu attivita f'Tas-Sliema. Il-Kunsill se jiddiskuti magħhom biex isir f'post ieħor minħabba li din l-attivita tirrikjedi ċertu kobor ta' post. *Talba għall-attivita*

*Il-Kunsilliera J. Pillow u P. Portelli ġew skuzati mis-seduta fit-20.04*

## 84.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIER

84.4.1 Il-Kunsillier P. Radmilli ġibed l-attenzjoni dwar kif l-avukat irrisponda għal kaz li ressaq resident fejn waqghet tabella fuq il-karozza tiegħu. Il-Kunsillier Radmilli qal li dan kiteb f'isem il-Kunsill u l-Kunsill ma jkunx jaf bid-deċizjonijiet li jkunu ttieħdu dwar il-kazijiet simili. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li jekk għal kull kaz u talba li nirċievu li jidhol il-Kunsill joqgħod jistenna l-laqgħa tal-Kunsill il-proċess se jdum iktar. Is-Segretarju qal li qed nimxu fuq decizjoni tal-Kunsill ta' snin ilu, li kazijiet ma jigux accettati. *Kazijiet legali*

Kien hemm qbil li jinħoloq kumitat fejn tali kazijiet jiġu riveduti u diskussi mal-avukat qabel tintbghat twegiba. Il-kumitat se jkun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier P. Radmilli.

84.4.2 Il-Kunsillier D. Muscat qal li fi Triq Triq Dingli (in-naħa ta' fuq ta' tlett siġriet) marret il-bozza tad-dawl ta' mal-art. Din għandha titranġa. Il-Kunsillier D. Muscat propona li jsir pedestal f'dik l-area sabiex ikun jista jiġi kkommemorat il-ġemelaġġ ma' Bialystok. *Triq Dingli (fejn it-tlett siġriet)*

*Daħlu lura l-Kunsilliera J. Pillow u P. Portelli fit-20.10*
*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.11*

84.4.3 Il-Kunsillier D. Muscat propona li jkun hemm *live streaming* biex ikun hemm konnessjoni bejn Tas-Sliema u Bialystok, fejn wieħed ukoll ukoll ikun jista jibgħat messaġġi minn pajjiz għal ieħor. Il-Kunsill qabel ma dan, u l-Kunsillier D. Muscat se jkun qiegħed jiddiskuti dan ma' Bialystok. Il-Kunsilliera M. Aquilina issuġeriet li dan jista jitpoġġa wkoll fi Gnien Indipendenza. *Live streaming bejn Bialystok u Tas-Slilema*

84.4.4 Il-Kunsillier P. Portelli irrefera għal *zebra crossing* li hemm ix-Xatt għaliex m'hemmx *pelican lights*. Zebra crossing – The Strand

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fit-20.16*

Il-Kunsillier Portelli qal li irridu niktbu lit-TM biex isiru *pelican lights*, kif ukoll għaliex hemm van abjad li huwa pparkjat b'mod illegali li qiegħed jgħatti l-vizjoni għal min ikollu bzonn jaqsam minn din iz-*zebra crossing*.

84.4.5 Il-Kunsillier P. Portelli informa li x-xogħol tal-izvilupp tal-Fortina qiegħed jibda mil-5.30 ta' filgħodu, u saqsa minn x'ħin jista jibdew jaħdmu minn ġewwa. Il-Kunsill fakkar li l-liġi tgħid li xogħol jista jibda minn tluq ix-xemx sa' nzulha. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li issa l-Kunsill għandu numri ġodda tal-LESA għall-infurzar u għandu jibgħat in-numri lill-Kunsilliera b'email. *Zvilupp Fortina*

## 84.5 RAPPORTI

84.5.1 Il-*contracts manager* bgħat rapport ieħor dwar il-lattrini pubbliċi u n-nuqqasijiet mill-kuntrattur, għaliex mhux qegħdin ikunu nodfa. Il-Kunsilliera V. Galea Pace u M. Aquilina qalu li huma wkoll ilhom jkollhom ħafna ilmenti, speċjalment dawk ta' taħt it-Torri u Gnien Indipenendenza. Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm irid ikun hemm *attendant* il-ħin kollhu biex ikun jista jinzamm nadif il-hin kollhu. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li il-kuntrattur hu obligat inaddaf 3 darbiet kuljum, u skond il-*contracts manager* report qed inaddaf darbtejn biss. Hu ser jordna li din it-tielet tindifa tibda minnufih, u b'hekk jahseb li diga nkunu qed ntejjbu is-sitwazzjoni. ***Lattrini pubbliċi***

Is-Segertarju Ezekuttiv qal li għaddeja kommunikazzjoni flimkien mal-AKL biex jintbgħatu ħaddiema tal-Gvern lill-Kunsilli u Tas-Sliema hemm ċans li jintbgħatu erba'. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li ssir *camera* biex dak li jkun joqgħod attent aktar. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li din tista issir fuq in-naħa ta' barra. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw saqsiet sakemm isiru diskussjonjiet u tittieħed azzjoni mill-AKL x'jista jsir sadanittant? Il-Kunsilliera Cassar Shaw qalet għaliex il-probbabbilta hi li jilħaq jgħaddi s-Sajf u l-Kunsill ikun għadu bla *attendants*. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiċċekkja jekk tistax issir *camera* bil-fondi ta' UIF.

**84.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

84.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq rapport mil-kumitat dwar it-tender SLC/T/695/18 *Tender for Supply and Installation of Playing Field Equipment*. Gie nnotat li kien hemm offerta waħda biss min JGC Playon Ltd. li kienet *compliant* mal-*ispecifications* tat-tender. Kien hemm qbil mar-rakkomandazzjoni tal-kumitat u tintgħazel din l-offerta. *Tender – Playing Field*

84.6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq rapport mil-kumitat dwar it-tender SLC/T/696/18 *Tender for Civil Works*. Gie nnotat li kien hemm zewġ offerti waħda min APM Ltd u oħra min LBV Ltd u li z-zewġ offerti kienu *compliant* mal-*ispecifications* tat-tender. Il-kumitat irrakomanda LBV Ltd bħala l-irħas offerta. Kien hemm qbil ma' din ir-rakkomandazzjoni u intgħazel LBV Ltd bhala *cheapest compliant offer*. *Tender – Civil Works*

84.6.3 Fir-rigward tat-tender għas-servizz ta' *contracts manager* kien hemm qbil li jkun hemm bord li jkun magħmul mill-*accountant*, l-avukat u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Gzira. *Tender – Contracts Manager*

*Il-Kunsillier P. Radmilli ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.51*

84.6.4 Is-Sindku informa li l-azzjoni dwar l-ilmenti tal-ħamiem se tieqaf għalissa għaliex hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv issejħu għall-Bord ta' Governanza minħabba l-azzjoni li l-Kunsill kien ħa. Is-Sindku fakkar li l-azzjoni ttieħdet fl-ahjar interessi tar-residenti u għaliex il-ħamiem dejjem kienu jitqiesu bħala *pests* mill-awtoritajiet tas-sahha publika. Fakkar ukoll li l-azzjoni dejjem ittieħdet b'deċizjoni tal-Kunsill u bil-permess u presenza tal-pulizija, f'hinijiet li ma humiex ta' perikolu ghall-publiku. *Ħamiem*

**84.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

84.7.6 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet. Il- *Approvazzjoni tal-pagamenti*

Kunsillier M. Briguglio propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil mill-Kunsill li l-pagamenti kollha jiġu approvati.

**84.8 MOZZJONIJIET**

84.8.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**84.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

84.9.1 Is-seduta ntemmet fit-21.15 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar it-Tlieta 26 ta' Gunju 2018 fis-6pm.

Minuti approvati llum 26/06/2018

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |